# Il-kwadru – pittura titulari ta' San Gejtanu AD 1872

**Walter Camilleri**

1. L-artiklu oriġinali tiegħi bis-suġġett ta' hawn fuq kien ilu lest, biex meta tiġi l-opportunità nippubblikah. Imma xħin qrajt l-artiklu tajjeb u ta' interess ta' Keith Micallef tas-sena l-oħra (2017)[1] għażilt li dan l-artiklu tiegħi nirranġah ftit biex nimxi parallel mal-kitba tas-Sur Micallef.
2. B'dan il-mod, l-istorja s'issa magħrufa ta' dan il-kwadru – pittura titulari ta' San Gejtanu tkun aktar aġġornata għall-benefiċċju tal-qarrejja, u bla ħtieġa li noqgħod nirrepeti dak li ilu fis-sewwa magħruf.

## Bosta veritajiet

3. L-artiklu tas-Sur Micallef dwar ir-restawr tal-kwadru-pittura titulari ta' San Gejtanu (tal-kor) fl-ewwel xhur tas-sena 2017, iqarreb ħafna lejn bosta veritajiet. L-istudju u r-riċerka tas-Sur Micallef huma korretti dwar dan il-kwadru, li kien tpitter mit-taljan Pietro Gagliardi (1809-1890) f'Ruma. Ifisser, li ma kienx tpitter f'Malta.
4. Kiteb Is-Sur Micallef: *"...sar magħruf li l-kwadru (tal-Pittura) kien tlesta qabel ma nġieb fil-knisja (ta' San Gejtanu) fl-1881"*. Imma s-Sur Micallef ikompli jgħidilna: *"... li waqt ir-restawr ta' dan il-kwadru - pittura inkixef, li din il-pittura kienet tlestiet fis-sena 1872."* Dwar dan kollu nwieġeb lis-Sur Micallef: *"Dak li ktibtilna hu verità kif se nkompli nispjega".*
5. Fil-fatt jirriżulta b'mod reali (1872) li: *"...è giunto da Roma il quadro di San Gaetano del Gagliardi, fatto eseguire a proprie spese da Sua Ecc. Rev. Mons. Arcivescovo – Vescovo di Malta per la chiesa del Villaggio San Giuseppe..."*[2] (ossija Il-Ħamrun).
6. Dan il-kwadru titulari tal-Hamrun kien inżamm għal xi ġimgħat (jekk mhux ukoll xhur) fil-Palazz tal-Arċisqof il-Belt Valletta għall-wiri, billi kien prodott artistiku Taljan akkwistat (bil-ħlas) fuq inizjattiva ta' Monsinjur Paolo Pullicino (1815-1890) tal-Knisja Katidrali, billi dan kien mehdi wisq b'xogħlijiet artistiċi barranin, speċjalment Taljani!
7. Li l-Arċisqof Gejtanu Pace Forno (OSA) kien il-benefattur ewlieni ta' dan il-kwadru titulari ta' San Gejtanu u tal-knisja tagħna jixhduh bosta fatturi, fosthom:
   Il-gazzetti kważi kollha (1872);[3]
   L-arma-stemma episkopali tal-istess Pace Forno fl-imsemmi kwadru titulari; u dik skolpita mal-faċċata tal-knisja taħt il-kampnar;
   - Il-kwadru tal-pittura ta' dan l-Arċisqof li għadu jidher imdendel mal-ħajt fis-sagristija l-antika tal-knisja Gejtanina u b'kitba Latina taħt l-imsemmi kwadru li

tikkommemorah għall-ġid li kien għamel lil din il-knisja ta' San Gejtanu;
- L-arma-stemma episkopali tal-istess Pace Forno, li oriġinarjament kienet twaħħlet fuq il-presbiterju u oħra mal-altar maġġur ta' rħam li darba kellna, u li ta' bravi u rikonoxxenti li konna, konna kissirnieh!

8. Korrett ukoll kien is-Sur Micallef meta kiteb, li l-kwadru - pittura titulari ta' San Gejtanu, *"...filwaqt li dwar dan id-dewmien* (1872-1881) *ftit li xejn nafu, però mhux eskluż li dan* (id-dewmien) *hu marbut mad-dewmien fil-bini tal-knisja li kien waqa' lura".*

**Lulju 1875**

9. Għall-korrettezza ta' data (sena) ta' meta dan il-kwadru titulari ta' San Gejtanu kien tpoġġa f'postu, ngħidu, li fil-ftuħ tal-knisja Gejtanina, nhar il-**11 ta' Lulju 1875,** dan il-kwadru titulari kien diġà qiegħed f'postu fil-kor. Biżżejjed naqraw mill-gazzetti.:
10. *"...anche al Villaggio San Giuseppe, venne Domenica scorsa celebrata alla nuova chiesa, ora aperta al culto, la festa titolare di San Gaetano Thiene, proceduto da devotissimo triduo...". "...del prezioso dono che godono, fra altri, dalla munificenza di Mons. Pace Forno, il defunto pastore* (li kien miet sena qabel fit-22 ta' Lulju 1874) *del quadro, cio è titolare, esimio lavoro del Cav. Gagliardi di Roma."*[4]
11. Dan il-ftit diskors jindika, fl-opinjoni tiegħi, li fil-ftuh tal-knisja (11 ta' Lulju 1875), il-kwadru titulari ta' San Gejtanu diġà kien qiegħed f'postu u għall-ewwel festa ta' San Gejtanu, *"li f'dak iż-żmien (1875) kienet issir fil-jum liturġiku propju tal-qaddis, allura nhar is-7 ta' Awwissu",* u bħal bosta festi parrokkjali oħrajn, tiġi meta tiġi l-festa fost il-ġimgħa!
12. Għiduli, kif jista' jkun li f'temp ta' xahar (Lulju-Awwissu 1875) ikollna żewġ avvenimenti ta' importanza kbira fil-Hamrun u l-kwadru titulari ġdid fjamant ma jkunx f'postu? U meta dan kien ilu ordnat, tal-anqas mis-sena 1870-1871, u li diġà kien wasal hawn Malta fis-sena 1872?

**Naqset l-art**

13. Hi verità, li l-bini tal-knisja tagħna kien waqa' lura! Minn kif jidher, oriġinarjament (!) kienu jafu x'art kien se jkun hemm disponibbli u għad-dispożizzjoni tal-knisja l-ġdida ta' San Gejtanu, liema art, oriġinarjament (!) kienet offruta **b'xejn – bla ħlas – gratis** mill-kontroversjali Imħallef Giovanni Conti (1807-1877).[5]
14. Mill-banda l-oħra, jidher li kien il-Perit Schinas ukoll, li kmieni wisq, kien kejjel l-art tal-knisja proġettata ta' San Gejtanu b'**kor twil**, almenu daqs il-kobor tal-kappellun, biex ikun jista' jakkomoda lill-pittur Gagliardi ta' Ruma, billi xi ħadd kellu jibgħatlu l-qisien kollha tal-knisja, biex dan tal-aħħar ikun jista' jibda minn kmieni jpitter il-kwadru titulari ta' San Gejtanu f'Ruma stess!
15. Naturalment, Schinas (1834(1868)1894), ta' professjonista li kien, għalkemm żagħżugħ ta' 34-35 sena u miżżewweġ frisk (1868), imma wkoll b'xi ftit nuqqas ta' esperjenza fil-bini ta' knejjes, billi din kienet l-ewwel u l-aħħar knisja tiegħu, kien inkluda dak kollu li kienet titlob minnu knisja ġdida u kbira **b'aspirazzjoni**

**parrokkjali**, inkluż **kor twil** u bis-sens, tal-anqas, kif diġà għidna, b'kor daqs il-kappellun jew ftit akbar ukoll!

16. U tgħid ma kellux min jagħtih parir x'tirrikjedi knisja ġdida b'mod ħolistiku? Imma la kienet naqset l-art minn wara l-altar maġġur sa minn kmieni, **għax l-Imħallef Giovanni Conti ma kienx żamm kelmtu u kien ċaħħadna minn biċċa art oħra ta' importanza, il-kor** propju u s-sagristiji li jdawru l-kor kellhom josfru!
17. Biex twikkejna bi knisja sfortunata u problematika sa mill-bidu nett, bi żball li ma kien irranġa ruħu qatt! Anzi, għaffiġniha aktar meta tellajna l-koppla qabel proġetti aktar importanti u utli bħalma kien il-kor eċċ.. X'ma jdabbarx rasu 'l hemm il-Perit Giorgio Schinas, wara li kienu għamlulu ħajtu nfern b'ħafna ndħil, bsaten fir-roti u ċaqliq tal-pjanta oriġinali!
18. Il-bdil tal-qisien tal-art li fuqha kellha tinbena l-knisja attwali tagħna ta' San Gejtanu, u partikolarment b'riferenza għal fuq wara tal-altar maġġur, (rigal ieħor meqrud minna tal-Arċisqof Pace Forno!), kienet ġiet riflessa wkoll bil-miġja tal-kwadru – pittura titulari ta' San Gejtanu (1872) li kien tpoġġa f'postu fis-sena 1875. Dan il-kwadru – pittura kien maħsub (1868/1869) li kellu jkun irtirat ferm aktar lura milli hu llum!

**Bla kor sura**

19. Il-kwadru titulari ta' San Gejtanu hu ftit dejjaq u tawwali, imma, sa ċertu punt, la ħadd ma kien qajjem l-ebda oġġezzjoni, illum faċli ngħidu li jixraq, la l-kor ġie kif ġie! La drajna bid-difetti, faċli li jgħaddi kollox! B'danakollu, il-figura impittra tal-persuna ta' San Gejtanu *"għarkupptejh"*, kixfet appuntu, li l-kwadru tal-pittura kellu jitpoġġa ferm aktar lura milli fejn hu llum!
20. Minn Ruma sal-Hamrun, dan il-kwadru titulari sab ruħu spustat 'il barra-eqreb lejn in-nies ta' quddiem il-presbiterju! B'dan irrid ngħid, illi l-kwadru titulari kellu jidher estetikament korrett, sew minn fejn il-bieb ta' barra tal-knisja, kif ukoll minn taħt l-Altar Maġġur, ossija minn quddiem il-presbiterju, kieku kellna **kor fond twil** u suret in-nies bil-qisien oriġinali tal-pjanta ta' Schinas!
21. Imma sa ċertu punt, dan ma ġarax minħabba l-imġieba tal-Imħallef Giovanni Conti li kien ċaħħadna minn biċċa art oħra fuq wara tal-knisja. Kif hu issa l-kor, aktar ma toqrob lejn l-altar maġġur, aktar tara l-figura ta' San Gejtanu tikber! Dan id-difett, li qajla tista' tirranġah, qajla kienu taw kasu n-nies minħabba l-***"Prima u s-Sekonda"*** (12-il gandlier u 12-il xemgħa m'għola sur u magħhom is-salib ċentrali) **ta' fuq l-altar maġġur l-antik**!
22. B'danakollu, kienu taw kasu (dan id-difett) *"il-mustaċċuni"* li ma kien jaħrabilhom xejn! Imma ħadd ma kien ażżarda jperreċ dan id-difett, biex ma jkunx imbarazzat (1872-1874) l-Arċisqof Pace Forno li kien ħallas għall-pittura titulari. Mill-banda l-oħra kienu evitaw polemika bl-involviment dirett ta' Mons. Paolo Pullicino, li f'moħħu u f'qalbu dejjem kellu fervur kulturali Taljan għal Malta artistika! Ta' Gagliardi fil-Hamrun għandna wkoll il-kwadru tal-Madonna tad-Duluri li hu ċelebrità.

23. Intant. Id-difett fil-kwadru titulari hu dan: Osservaw il-figura mpittra ta' San Gejtanu bis-suttana sewda u l-qagħda tiegħu għarkupptejh. Issa, jekk wieħed kellu jwaqqaf bilwieqfa l-figura ta' San Gejtanu, dan jisproporzjona l-pittura u x-xenarju kollu! Mill-banda l-oħra, il-figura tal-Madonna bil-Bambin, **kif impittra fl-għoli tal-kwadru** huma proporzjonati ħafna. F'dan il-każ tal-Madonna ma hemmx differenza jekk il-kwadru kienx ġej lura jew 'il quddiem fil-kor. Imma l-figura ta' San Gejtanu, kif qiegħed, kixfet kollox! Almenu għalija, dan hu difett li ilu jagħtini fastidju.

**Figura goffa f'kor qasir**

24. Fil-kwadru, il-figura ta' San Gejtanu kienet tpittret ftit goffa bir-raġunament tiegħi ta' llum! Imma għal dak iż-żmien kienet tpittret b'mod korrett u proporzjonat ukoll – meta l-kwadru kellu jkun irtirat ferm aktar lura f'kor twil u fejn l-istess kwadru kellu jkun aktar fl-għoli fil-prospettiva tal-kor!
25. Mill-banda l-oħra, lil Pietro Gagliardi, **li f'Malta qatt ma kien ġie b'riferenza għall-Ħamrun,** kienu tawh minn Malta l-qisien tal-knisja kollha (l-għoli, it-tul u l-wisa') inkluż il-qisien tal-kor twil skont l-oriġinali pjanta tal-perit Schinas. Meta kienu nbidlu l-qisien tal-knisja u ġejna b'kor maħtuf, qasir u mqammar, ħadd ma kien informa lill-pittur Gagliardi, u dan kien nuqqas ieħor!!
26. Ifisser, li f'dan in-nuqqas, la Gagliardi u lanqas Schinas ma kellhom xi tort! Mill-banda l-oħra, ma neskludux, li ħadd ma kien għaddielu minn rasu li kellu jinforma lill-pittur Gagliardi bl-ispustament tal-kwadru 'l barra, eqreb lejn in-nies, u bit-telf ta' kor twil, meta din diġà kienet problema sa mill-ewwel ġranet tal-proġett Schinas minħabba l-Imħallef Conti!
27. Ifisser ukoll, li l-kwadru tal-pittura titulari kien resaq 'il barra lejn in-nies b'madwar it-tul kollu ta' xi kappellun minn tagħna jew ftit itwal. Konsegwentement, il-figura mpittra ta' San Gejtanu dehret li kibret, meta fil-fatt kellha tidher iċken, kieku l-Kwadru tal-Pittura tqiegħed ferm aktar lura u aktar fl-għoli f'kor twil kif kellu jkun!
28. Apparti dan kollu. Din li ġejja hija mportanti ħafna storikament: Kien b'din il-pjanta, **li ħadd ma jaf b'ċertezza x'kien sar minnha,** li l-Perit –Arkitett Giorgio Schinas kien rebaħ **il-konkors għall-pjanta u disinji anċillari għall-bini tal-knisja ġdida u kbira f'Via San Giuseppe, (il-Ħamrun)!** dwar din il-praspura **tal-konkors** nitkellmu f'ħarġiet oħrajn.

**Sapun u verniċ**

29. Intant. Nerġgħu ftit lura u mmorru għall-artiklu ta' Keith Micallef (2017) diġà msemmi fil-bidu fejn kien intqal li fir-restawr tal-kwadru titulari fl-ewwel xhur tas-sena 2017, kien instab il-verniċ u anki ssemma' l-ħasil ta' din l-istess pittura bis-sapun u l-ilma! Inkunu qed ngħidu l-verità li dan hu kollu minnu! Dan nafuh mill-esperjenza!
30. Fis-sena 1969, dan il-kwadru – pittura titulari (u xi oħrajn ukoll), kien tnaddaf waħda sew bl-ilma u s-sapun fl-Oratorju u anki fil-post tiegħu propju fil-kor! Dan

kollu kien sar fuq struzzjonijiet u direzzjoni tal-Prof. Emvin Cremona u aktar tard, (fuq kwadri oħrajn) fuq direzzjoni ta' Dun Ġużepp Cachia!

31. Il-ħasil tal-pittura bl-ilma u s-sapun, l-ewwel inkarigu kien f'idejn il-Prof. Cremona nnifsu li beda jgħallimna kif irid isir dan ix-xogħol ta' tindif! Billi jiena (sottoskritt) minix tekniku kont bżajt nidħol għal dan l-intrigu. Bżajt sal-punt, li kont ipprotestajt bis-sħiħ u ma ħadtx parti f'dan ix-xogħol! Il-kbarat rawni demonju! Kont rajt il-kwadri imqarqċin!
32. Mill-banda l-oħra, xi tiċrit fil-pittura titulari (u anki f'oħrajn) u anki verniċ iċarċar ġa kienu jidhru fis-sena 1969! Meta staqsejt xi jfisser dak il-verniċ u tiċrit fil-pittura sibt ħafna ħars bl-ikrah! Milli konna smajna[6] il-kwadru titulari kien għadda minn xi tindif (u mhux restawr) minn xi dilettant li saħansitra kien issemma b'laqmu! Dan it-tindif tal-pittura titulari kien sar f'Ġunju 1947, għall-okkażjoni tal-400 sena mill-mewt ta' San Gejtanu 1547-1947.
33. Kemm fis-sena 1947 u 1969, il-kwadri tal-pittura kollha (tal-artali) kienu ħadu "*banju*" sew! F'dik is-sena partikulari tal-1969, għadni niftakar sew il-ħmieġ (ilma iswed faħma) li kien ħareġ mill-kwadri kollha. Issa jien ma nafx jekk ħasla ilma u sapun jissejjaħx "*Restawr*"! U għadni s'issa ma nafx x'sapun kien intuża! B'danakollu, bl-ilma u s-sapun b'kollox, is-sena **1872** ma kinitx inkixfet fis-sena 1969!!
34. Ma nistax niġġudika jekk saritx aktar ħsara jew le! Niftakar ukoll, li ċertu tiċrit żgħir ma kienx restawrat fis-sena 1969 u sadattant, il-passati tal-verniċ ma naqsux! Qed nirreferi għall-kwadru titulari!
35. Mela, il-kwadru tal-pittura tat-titular ta' San Gejtanu kien wasal Malta fiż-żgur fis-sena 1872 kif diġà rajna u kien tpoġġa f'postu fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju 1875 għall-ftuħ uffiċjali tal-knisja u għall-ewwel festa ta' San Gejtanu xahar wara, fis-7 ta' Awwissu 1875.

Il-festa it-tajba 'l kulħadd.

**Riferenzi**


[1] Artiklu tas-Sur Keith Micallef fil-ktieb-programm (tal-Każin tal-Banda San Ġużepp tal-Ħamrun) tal-Festa ta' San Gejtanu, 2017, pp 109-113, bl-Artiklu ntitulat: "Restawr tal-Kwadru Titulari" (ta' San Gejtanu tal-Ħamrun).

[2] Corriere Mercantile Maltese (gazzetta) tas-26 ta' Ġunju 1872, p.2, mir-rubrika COSE DIVERSE.
- Ibid. tas-6 ta' Lulju 1872, p.1.
- Fede ed Azione (gazzetta) tas-16 ta' Marzu 1881.
- Il-Ktieb: "Malta Artistica Illustrata" ta' Mons. Vincenzo Caruana (dei Conti) Gatto, stampat Il-Ħamrun – Dar San Ġużepp 1905, p.107.

[3] Ibid. L-erba' riferenzi. Il-Mument (gazzetta) 12 ta' Mejju 1985, p.8. "Ittra lill-Editur": "Gagliardi fil-Ħamrun u f'Ħal Tarxien", ta' Walter Camilleri.

[4] Fede ed Azione (gazzetta) tal-11 ta' Awwissu 1875.
<u>Nota</u>: L-Arċisqof Titulari ta' Rodi – Isqof Djoċesan ta' Malta Mons. Gejtanu Pace Forno kien miet f'Castellamare di Stabia f'Napli, fit-22 ta' Lulju, 1874. Dan kien ġara, kważi sena eżatt qabel il-ftuħ uffiċjali tal-knisja ta' San Gejtanu (11/07/1875) u l-ewwel Festa ta' San Gejtanu (07/08/1875) meta il-Ħamrun kien għadu mhux parroċċa.
- Billi l-Isqof Gejtanu Pace Forno kien miet (22/07/1874) f'Napli, sa minn kmieni kien deċiż li l-fdal uman tiegħu jinġieb Malta għal difna finali fil-Knisja Katidrali ta' Malta. Dan kien sar fit-23 ta'

Novembru 1875.

5. In-Nazzjon Tagħna (gazzetta) tat-2 ta' Jannar 1991. No. 6480, p.8. Artiklu: "Ġrajja ta' 130 sena ilu, Il-Ħamrun", ta' Walter Camilleri.
Ibid. tal-10 ta' Awwissu 1991, p.10. Artiklu: "L-Art li fuqha nbniet il-knisja ta' San Gejtanu fil-Ħamrun", ta' Walter Camilleri.

6. Bejn is-snin 1965-1972 konna madwar 25-30 żagħżugħ naħdmu u nirsistu (bla ħlas) fil-knisja parrokkjali ta' San Gejtanu, fil-proġett vast ta' tisbiħ tal-istess knisja minn barra u minn ġewwa inkluża l-koppla minn barra u minn ġewwa. Konna għamilna minn kollox. Xi wħud mix-xogħlijiet huma:
- Tindif ġenerali tal-knisja minnbarra u minn ġewwa bil-koppla b'kollox u manutenzjoni korretta fejn kien hemm bżonn.
- Twaħħil ta' kull biċċa pittura fis-saqaf tal-knisja u fil-koppla.
- Dawl ġdid fejn kien hemm bżonn sas-salib tal-koppla minn barra.
- Induratura ġenerali – knisja u koppla – taħt is-superviżjoni ġentili tas-Sur Vella tal-Floriana (RIP).
- Żebgħa tal-ħitan kollha – knisja u koppla u "water proofing" tal-koppla minn barra.
- Tqandil bl-idejn ta' travi u twavel ta' kull daqs u toqol.
- Armar u żarmar tal-iscaffolding għal kemm–il darba.
- Tindif tal-linef, brazzi u lampieri kull sena.
- U ferm aktar.
- Imma jiena, (awtur ta' din il-kitba) ma kontx ħadt sehem bl-ebda mod fit-tkissir tas-sitt altari ta' taħt in-navi, biex minflokom kienu għamlu sitt konfessjonarji u xkaffar għall-gandlieri u statwetti!
- Agħar minn hekk, ma kontx hadt sehem lanqas fit-tkissir tal-altar maġġur l-antik, li kien rigal personali wkoll tal-Arċisqof Gejtanu Pace Forno, biex minfloku kienu għamlu dak li hemm illum! Riċentament kien hemm attentat biex jitneħħa l-Altar Maġġur attwali, imma l-Kurja irreżistiet dan l-attentat!
- Sadattant il-poplu tal-Ħamrun baqa' jnaqqas mill-attenzjoni tiegħu lejn il-knisja tiegħu parrokkjali!

